**31 ta' Ottubru, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Walter Naudi

*versus*

Brother David Mizzi

**Danni - Likwidazzjoni ta'**

*Kawża fejn ġiet ammessa r-responsabbilita` iżda ġie kkontestat u deċiż il-*quantum *tad-danni.*

*Sentenza riportata prinċipalment għall-kompjetezza tal-kronaka Ġudizzjarja.*

Il-Qorti:-

Permezz taċ-ċitazzjoni odjerna li ġiet ippreżentata fis-17 ta' Novembru, 1993, l-attur isostni li l-konvenut fit-3 ta' Awissu, 1993 waqt li kien qed isuq il-vettura Ford Escort E-0633 minn ġo Sliema Road, il-Kappara ħabat mal-fond tiegħu u b'hekk ikkaġunalu danni ta' natura konsiderevoli fil-*front garden* ta' l-istess fond. Isostni l-attur li dan l-inċident ġara unikament minħabba traskuraġni ta' l-istess konvenut li naqas milli jħallas id-danni sofferti lill-attur u dan minkejja li ġie interpellat sabiex jagħmel dan;

In sostenn tat-talbiet tiegħu esebixxa kont maħruġ mill-Perit *ex parte* Joe Bugeja fl-ammont ta' Lm465;

Fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu ppreżentata fl-10 ta' Jannar, 1994, il-konvenut jammetti t-talba in kwantu li tirrigwarda r-responsabbilita` għall-inċident. Jgħid għalhekk li l-ewwel talba saret inutilment. Dwar danni isostni li d-danni li

sofra l-attur, kienu ta' Lm330 u mhux Lm465 li hu kien qed jippretendi. Effettivament huwa offra li jħallas dan l-ammont a saldu tal-pretensjonijiet ta' l-attur. L-attur iżda rrifjuta u għalhekk hu kien iddeposita dan l-ammont permezz ta' ċedola ta' depositu. Hu għalhekk sostna li hu ma kellux ibati spejjeż;

B'digriet tal-11 ta' Marzu, 1994, ġie nnominat il-Perit David Pace biex jirrelata dwar id-danni sofferti;

Wara li għamel aċċess fejn ispezzjona l-ħsarat u żamm żewġ seduti, il-perit għadda għar-relazzjoni tiegħu, liema relazzjoni ġiet maħlufa fid-19 ta' Ġunju, 1996;

Fir-rapport tiegħu il-Perit jgħid li l-każ kollu nibet min-nuqqas ta' qbil fil-likwidazzjoni tad-danni bejn il-periti *ex parte* tal-partijiet. Id-differenza teżisti fl-istima li dawn taw biex il-ħsara tissewwa;

Il-perit ta' l-attur stima l-pilastri Lm25 aktar mill-perit tad-ditta ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut;

Ir-rimpjazzament ta' l-arblu tad-dawl ġie stmat Lm60 aktar mill-perit ta' l-attur kif ukoll it-tikħil, tibjid u żebgħa ġew stmati Lm10 aktar;

Hemm ukoll Lm10 aktar fid-dritt tal-perit ta' l-attur milli ġie aċċettat mill-perit tal-konvenut;

Il-perit tekniku irriżultawlu li għat-tiswijiet kollha, ħlief għar-rimpjazzament ta' l-arblu tad-dawl, l-attur nefaq Lm250;

Effettivament il-valur tax-xogħol li kien ġa` sar u li għalhekk kellu żgur jitħallas mill-konvenut kien ta' Lm225;

Il-perit osserva li l-arblu tad-dawl, l-attur kien ġabu żmien ilu. Dwar dan l-arblu, il-perit ikkunsidra li d-ditta assikuratriċi tal-konvenut kienet lesta li toffri Lm120. Il-perit ikkunsidra li jekk l-attur ma setax isib arblu bħal dak li tkisser u dan għandu wieħed raġonevolment jistennieh, għax il-mudell huwa wieħed qadim ħafna, jew kien ser jispiċċa b'fanal ta' disinn spareġġjat, inkella kien ser ikollu ibiddel żewġ fanali minflok wieħed. Għalhekk l-istess perit wasal għall-konklużjoni li l-ammont ta' Lm180 mitluba mill-attur għal dan il-fanal huwa aċċettabbli;

Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, il-perit tekniku wasal għall-konklużjoni li l-prezz tax-xogħlijiet tenut kont tal-fatt li dawn kienu xogħlijiet li jikkonsisti f'diversi biċċiet xogħol żgħar li kienu jinvolvu snajja differenti u għalhekk il-prezz kien ikun xi ftit aktar għola minn normal kien raġonevolment jammonta għal Lm405;

L-istess perit tekniku isostni li d-dritt tal-perit ta' l-attur ġustament għandu jifforma parti mill-ispejjeż tiegħu u kwindi l-ammont totali tan-nefqa kienet tammonta għal Lm445 li skond hu kellhom jitħallsu mill-konvenut lill-attur għas-saldu ta' l-ispejjeż inkorsi;

Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju, l-attur irrimetta ruħu għar-rapport peritali u l-kawża ġiet iddifferita għat-12 ta' Lulju, 1996 għall-kummenti tal-konvenut;

Effettivament fl-1 ta' Lulju, 1996 la deher il-konvenut u lanqas l-avukat tiegħu;

Il-Qorti għandha għalhekk tassumi li huma ma kellhom ebda intenzjoni jagħmlu kritika tar-rapport peritali;

Kunsidrat dawn iċ-ċirkostanzi kollha, kif ukoll id-

dokumenti u r-ritratti li ġew esebiti mill-attur li jindikaw il-ħsara, l-Qorti tħoss li tista' faċilment tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lill-istess konvenut unikament responsabbli għall-inċident li ġara fit-3 ta' Awissu, 1993 fi Sliema Road, il-Kappara meta l-istess konvenut ħabat bil-vettura tiegħu ġod-dar ta' l-attur, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm445 b'konsegwenza ta' l-istess inċident u tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata;

Fil-fehma tal-Qorti l-ispejjeż ta' din il-kawża inklużi ittri interpellatorji imsemmija għandhom ukoll ikunu a karigu ta' l-istess konvenut għax, nuqqas tiegħu, ma sarx ftehim bonarju;

Dwar l-ammont mitlub għas-*survey report* dana diġa` ġie inkluż għalkemm f'ammont ridott fil-likwidazzjoni tad-danni u għalhekk din it-talba mhijiex sostenibbli;

L-imgħax legali għandhom jgħaddu fuq is-somma likwidata mid-data tal-lum.